TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 203/12-F

**Victoria u Amadeo Muscat**
**vs**
**Sweet Home - Catherine Buhagiar**

Illum 21 ta' Mejju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-23 ta' Awwissu, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf, mitejn u sittax-il ewro, u sittin ċenteżmi (€1,216.60), rappreżentanti ħsarat fuq libsa tat-tieġ.

L-intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimata li hija l-istess intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi fl-okkażjoni tat-tieġ tagħhom kienu xtraw *spaghetti spray* u meta ġie sprenjat dan l-i*spray*, dana tebba' l-libsa tat-tieġ.

L-intimat issottometta illi dan kellu jinqara sew qabel ma jintuża u li l-i*spaghetti spray* għandu jiġi sprenjat fl-arja u mhux fuq il-libsa tat-tieġ.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi huwa minnu li fuq il-bott tal-i*spray* hemm l-istruzzjonijiet ta' kif għandu jintuża, u li għalhekk jidher li dan ma ntużax skond kif kien imwissi.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jigu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888